MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Numru 1272/2010

Il-Pulizija
(Spettur James Grech)

vs

Joseph Robert Micallef

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 347789M, akkuzat talli fil-lejl ta' bejn l-24 u l-25 ta' Settembru 2010 gewwa l-Belt Valletta:

1. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg ta' Emiliana Micallef detentrici ta' karta ta' identita' numru 188576M, mobbli jew immobbli u cioe' vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBU646 ta' l-ghamla Toyota liema hsara ma tiskorriex l-ammont ta' 1,164.68 Ewro izda hija ta' izjed minn 116.47 Ewro u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. b'hekk rrenda ruhu recidiv b'sentenza moghtija lilu mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LL.D. nhar is-6 ta' Marzu 2007 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat f'din l-ewwel udjenza meta inqrat l-akkuza jammetti l-imputazzjonijiet fl-liema ammissjoni baqa jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat ghall-akkuzi kontrih dedotti.

Wara li hadet konjizzjoni tal-fatt li l-imputat irisarcixxa d-dannu minnu kagjonati u ammessi. Rat l-Artikolu 325(1)(b), 49 u 50 tal-Kap 9.

Tiddikjarah u ssibu hati. Fic-cirkostanzi hi tal-fehma li l-piena ekwua tkun l-applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 billi torbot lill-imputat ghall-perjodu ta' sena mill-lum li ma jimmolestax b'kull mezz li jkun lill-kwerelanta taht penali ta' 2,300 Ewro.

Il-Qorti spjegat lill-imputat is-sinifikat tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------